Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Mag Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Cordina)

vs

Francis sive Frank Ellul

Illum 24 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmi imputat Francis sive Frank Ellul, iben Peter u Nicolina nee' Sciberras, imwieled fis-17 ta' Awissu, 1967 u detentur tal-karta tal-identita Nru. 331567(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-23 ta' April 2001 u f'dati precidenti fl-Isptar San Luqa Pieta b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala impjegat jew ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu ghamel jew naqas li jaghmel xi att b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor u cioe tal-Gvern ta' Malta, bi ksur ta' l-Artiklu 138 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi iddistrugga jew ma hallix shah, processi, registri, atti jew hwejjeg ohra, li kienu qeghdin fl-arkivji pubblici, jew f'ufficcji ohra pubblici, jew li kienu moghtija f'idejh bhala dipozitarju jew ufficcjal pubbliku minhabba l-kariga tieghu bi ksur ta' l-Artikolu 144 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fil-5 ta' April tas-sena 2001 id-Dipartiment tas-Sahha irrappurtaw permezz ta' ittra lill-pulizija illi kien sar xi tbaghbis fis-sistema kompjuterizzata li tirregistra l-partikulitajiet u informazzjonijiet ohra dwar pazjenti tal-isptar San Luqa. Fis-6 ta' April, 2001 l-Ispettur Cordina kellu laqgha ma Dr Joe Pace u mas-Sur Joe Camilleri li jiehdu hsieb din is-sistema li infurmawh illi din is-sistema kompjuterizzata tal-isptar tiehu hsieb il-personal file system tal-isptar fejn kull individwu kemm jekk pazjent huwa identifikat bl-ID number tieghu u fil-file inkun hemm informazzjoni kemm tieghu u kemm tal-process jigifieri l-medical history tieghu. Dr Pace informa lill-Ispettur Cordina u dana skond ma xehed l-istess Spettur Cordina illi huwa kien irceva rapport minghand dwar file partikolari bl-ID number 221279M li huwa ta' Maria Bonnici fis-sens illi dan il-file kien gie imbaghbas b'mod li ma kienx normali u minghajr awtorizzazzjoni. Saret 'system check' u minn din ic-'check' irrizulta li dan il-'file' partikolari kien qieghed jigi intercettat b'mod regolari. Kienu saru diversi tibdiliet jew zidiet mal-isem fejn jidhol Maria Bonnici u fejn kull tibdila f'dan it-'test' ikun hemm il-

‘log in’ jigifieri l-identifikazzjoni ta’ min ikun dahal fuq il-kompjuter. Dehru kliem oxxeni u dehru wkoll kliem bhal Forza Juventus, Ferrari, gorgeous, l-isbah wahda u stupid girl u dawn minflok l-isem ta’ Maria Bonnici, jew inkella b’zieda mal-isem Maria Bonnici. Fil-11 ta’ April tas-sena 2001 l-Ispettur Cordina baghat ghal Maria Bonnici li tahdem l-isptar San Luqa sabiex tinzel il-Casualty u din gabet maghha lill-imputat fuq imsemmi Frank Ellul li jigi l-gharus taghha. Maria Bonnici infurmat lill-Ispettur Cordina li kienet indunat li l-file taghha kien qieghed jigi manumess ghaliex gieli dahlet fuqu hi stess u kienet tara li jkun hemm xi zidiet jew kliem hazin fuq il-file taghha. Hija kienet kellmet lill-imputat fuq imsemmi sabiex jghinha biex jaraw min kien qieghed jaghmel dawn l-affarijiet u f’gurnata partikolari l-imputat kien xoghol ‘day duty’ tas-sitta ta’ filghaxija u kienu ftehmu li huwa kellu jara l-file taghha. Fil-frattemp, jigifieri fil-lejl ta’ meta spicca mix-xoghol l-imputat fuq imsemmi sal-ghada filghodu meta bdiet ix-xoghol Maria Bonnici reghhu instabu xi kliem fuq il-file tal-istess Maria Bonnici peress li f’dak il-lejl kien hemm xoghol impjegata jisimha Sylvia Pisani u allura giehom suspett li kienet din Sylvia Pisani li kienet qeghda taghmel dan it-tibdil. Irrizulta li l-imputat kien kellem lil din it-tfajla u meta kellimha ma baqghux isiru dawk it-tibdiliet u dawk il-kliem fuq il-file ta’ Maria Bonnici.

Illi l-imputat fuq imsemmi gie arrestat u irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn qal illi l-password tieghu suppost li ma jafha hadd, izda hafna darbi ikun hemm ukoll kollegi tieghu illi juzaw il-kompjuter warajh u per ezempju hu ma jkunx hareg mis-sistema u b'hekk ikun jidher il-password jew il-log in tieghu. Huwa qal li din hija prassi normali li tigri l-isptar minhabba pressjoni ta' xoghol u minhabba wkoll illi fis-section fejn jahdem hu hemm kompjuter wiehed biss. Huwa qal illi darba minnhom kien xoghol sas-sebgha ta' filghaxija u l-gharusa tieghu ma kienitx xoghol. Cemplitlu u talbitu jidhol fuq il-file taghha biex jara jekk kienx hemm xi kliem zejjed fuq il-file taghha. Effettivament meta dahal fuq il-file tal-gharusa tieghu l-imputat sab li kien hemm kliem oxxen, informa lill-gharusa tieghu b'dan u hija talbitu biex ihassrilha dawn il-kliem minn fuq il-file taghha. Huwa ipprova jaghmel hekk, pero' s-sistema ma bdietx tellimina dak il-kliem u ghalhekk kellu jikteb kliem fuq il-kliem hazin, per ezempju kiteb kliem bhal l-isbah wahda u dana sabiex jikkancella l-kliem hazin illi kien hemm fil-file tal-gharusa tieghu. Huwa telaq mix-xoghol fis-sitta ta' filghaxija, pero' meta spicca ma harigx minn fuq is-sistema u gie haddiehor minfloku. Fil-fatt kienet giet tahdem warajh Sylvia Pisani. Huwa qal illi kellu suspett li kienet Sylvia Pisani li kienet tikteb dan il-kliem ghaliex meta darba kien

kellimha kienet pronta hasret il-kliem hi stess u minn meta kellimha huwa u l-gharusa tieghu ma regghux sabu kliem iehor fuq il-file tal-gharusa tieghu. Huwa gharaf is-segwenti kliem bhal Forza Juventus, Ferrari, gorgeous u l-isbah wahda u qal illi dawn kitibhom hu fi sfors biex inehhi l-kliem hazin illi kien hemm fuq il-file tal-gharusa tieghu. Huwa qal illi ma kiteb xejn minghajr il-kusens ta' Maria Bonnici. L-imputat qal illi qatt ma kien kiteb xi kliem iehor li mhux suppost kitbu fuq file ta' impjegati ohrajn jew anke ta' pazjenti fl-isptar San Luqa.

Illi xehed Dr Joseph Pace illi huwa responsabbli ghall-'computers systems' tal-Ministeru tas-Sahha u xehed illi huma kienu sabu kliem oxxen u umbaghad kien hemm alterazzjonijiet permezz ta' kliem kumplimentuz jew inkella kliem dwar sports. Huwa qal illi dawn il-kliem ta' kumplimenti jew inkella ta' kummenti dwar l-isports kienu qeghdin jissostitwixxu l-kummenti illi kienu saru bi kliem oxxen. Ix-xhud qal ukoll illi sabiex ma jibqax jidher aktar dak il-kliem dispreggjattiv kellu jigi sostitwit bi kliem iehor u allura hawnhekk ix-xhud qieghed jissustanzja il-verzjoni illi ta l-imputat. Ix-xhud qal illi pero' min sab dan il-kliem dispreggjattiv seta jew cempel is-'support office' tal-Mitts jew inkella icempel it-'trainers' li qeghdin 'on call' u kienu jigwidawh huma u ghalhekk skond dan ix-xhud l-imputat

kellu jimxi b'dan il-mod u mhux jaqbad u jissostitwixxi l-kliem hu.

Illi xehdet Maria Bonnici li qalet illi hija tahdem fir-reception l-isptar u ghandha access ghar-records tal-computer fejn ikun hemm ir-records tal-pazjenti tal-isptar San Luqa. Hija xehdet illi kienet ghamlet rapport id-dipartiment tas-Sahha dwar xi kliem li kienet sabet fir-record taghha stess tal-isptar. Pero' meta kienet dahlet fuq il-file taghha peress li kellha bzonn tara tabib u minflok isimha u kunjomha sabet kliem baxx. Kellha tnehhi dawn il-kliem billi tirregistra lilha innifisha u tkun tista tara tabib. Pero' dejjem baqghet issib dawn il-kliem oxxen u baqghet tnehhi dawn il-kliem. Bdiet tipprova tara min setgha kien li kien qed jaghmlilha dawn l-affarijiet u tkellmet mal-gharus taghha l-imputat fuq imsemmi. Irrapurtat ukoll il-'computer centre'. Maria Bonnici xehdet illi l-imputat kien qabad u hassar il-kliem pastas li kellha fuq il-'computer' taghha billi kiteb kliem ohrajn, kliem differenti u dana sabiex il-kliem oxxen ma jibqghux jidhru fuq il-file taghha. Hija qalet illi dak li ghamel l-imputat fuq imsemmi kien ghamlu fuq talba taghha u sabiex jipprotegiha.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u ikkollaborha x-xhieda illi tat l-gharusa tieghu Maria Bonnici. Huwa xehed u dana

gie konfermat ukoll mill-Ufficjal Prosekutur illi fejn hemm l-entry bil-kliem Ferrari u Juventus dawn l-'entries' ma kienx hu li ghamilhom u lanqas ma saru bl-'access code' tieghu. Huwa ammetta illi kien ghamel entries bhal 'gorgeous', l-isbah wahda, Ferrari etc. u dana sabiex ihassar il-kliem oxxen li kien qed jidher fuq il-file tal-gharusa tieghu Maria Bonnici. Huwa xehed u dan gie ukoll ikkonfermat mill-Ufficjal Prosekutur illi l-kliem oxxen u vulgari ma kienx hu li kien ghamlu fuq il-'file' ta' gharusa tieghu. L-imputat fuq imsemmi xehed illi l-kap tieghu qatt ma kien tah struzzjonijiet fis-sens illi jekk ma ghandux raguni sabiex jaccessa 'file' allura ma setghax jaccessa 'file'. L-imputat xehed illi ma kienx jaf jekk kienx hemm xi rimedju iehor illi seta juza sabiex jikkancella il-kliem oxxen mis-sistema tal-computer tat-tfajla tieghu. Huwa xehed illi l-isptar kienu tawh 'training' ta' saghtejn biss sabiex ihaddem is-sistema tal-computer. Huwa ammetta illi seta jikkonsulta mal-'head of department' minflok ma qabad u biddel il-kliem hu. Pero' qal illi ried jiehu azzjoni immedjata sabiex ma jhallix dak il-kliem oxxen jidher fuq is-sistema tal-gharusa tieghu sal-ghada filghodu.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi jinsab akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikolu 138 u fl-Artikolu 144 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi sabiex jissusistu r-reati in kwistjoni irid jirrizulta illi l-imputat huwa impjegat jew Ufficjal Pubbliku u dana l-fatt gie fil-fatt stabbilit. Illi huwa essenzjali ukoll illi d-dokument in kwistjoni allegatament iffalsifikat mill-imputat jigi prodott u esebit mill-Prosekuzzjoni u dana sabiex l-imputat ikun f'posizzjoni li jkun jaf x'falsifikazzjoni qeghda tigi attribwita lilu u b'hekk ikun jista jiddefendi ruhu minn dawn l-akkuzi. Minghajr il-produzzjoni tad-dokument allegatament iffalsifikat ikun nieqes l-element necessarju tal-corpus delicti u allura wiehed ma jkunx jista jitkellem dwar dokument iffalsifikat jekk l-ewwel ma issirx il-prova ta' din il-falsifikazzjoni f'dan id-dokument. Illi ovvjament huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipproduci l-ahjar prova, cioe' d-dokument allegatament iffalsifikat. Dan id-dokument gie fil-fatt prodott mill-prosekuzzjoni u jinsab a fol. 18 sa fol. 23 tal-process.

Illi meta xehed Dr Joseph Pace a fol. 24 et seq tal-process dwar tibdiliet li kienu qeghdin isiru fir-records ikkompjuterizzati tal-isptar huwa ma esebixxa l-ebda dokument in sostenn tal-allegazzjonijiet tieghu u xehed illi

dettalji fuqi bhal issa ma ghandix a fol. 25 tal-process. Huwa xehed ukoll a fol. 24 tal-process, "Offhand ma niftakarx x'kienu imma kien zgur li per ezempju wahda minnhom kienet l-"isbah wahda". Il-kollega tieghi li ser jixhed warajha forsi ghandu izjed dettalji aktar minn hekk."

Illi wara dan ix-xhud xehed Joseph Camilleri. Huwa qal illi fuq struzzonijiet ta' Dr Pace kien iccekkja s-sistema, kien iccekja l-audit files u kien ghadda l-informazzjoni kollha dwar dak illi kien sab lil Dr Pace. Joseph Camilleri xehed illi kien ghamel rapport aktar dettaljat fejn spjega ezzatament x'kien ghamel, x'kien jirrekjedi u x'kienet l-informazzjoni li harget mir-rapporti li ghamel hu u ghaddihomlu. Camilleri xehed illi irrizulta mir-records ta' Maria Bonnici kemm il-darba kienu dahlu l-users fis-sistema u kien hemm ukoll kazijiet fejn kien inbidel l-isem ta' Maria Bonnici u irrizulta wkoll li kienu dahlu f'din is-sistema certi nies li kienu jahdmu l-Casualty u fil-fatt bidlu l-isem ta' Maria Bonnici. Ix-xhud gie muri d-Dokument JC1 u qal li dan kien ir-rapport dettaljat li kien accena ghalih fix-xhieda tieghu, liema rapport kien ghaddih lil Dr Pace sabiex ikompli bl-investigazzjonijiet.

Illi effettivament minn dan ir-rapport iffirmat minn Joseph Camilleri jirrizulta illi l-"patient name" imbiddel u dana kif

jidher a fol. 17 tal-process, minn “Bonnici Maria” ghal “Forza Juventus”, “Stupid girl”, “Bonnici Maria”, “Bonnici Maria gorgeous” u ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni irnexxiela tipprova illi kien hemm tibdil fir-registri arkivjati l-isptar. Gie ippruvat ukoll li dawn l-arkivji, dawn ir-registri kienu taht il-kontroll tal-imputat bhala ufficjal pubbliku minhabba l-kariga tieghu meta huwa ghamel it-tibdil in kwistjoni. Irrizulta li effettivament kien l-imputat li ghamel diversi tibdil bhal “Forza Juventus”, “Bonnici Maria gorgeous”, “l-isbah wahda”, etc. Dan irrizulta kemm mill-istqarrija tal-imputat kif ukoll mix-xhieda tieghu.

Irrizulta wkoll illi meta ghamel it-tibdil in kwistjoni l-imputat kellu l-intenzjoni posittiva diretta illi jaghmel dan it-tibdil u l-Qorti hija sodisfatta ghalhekk illi r-reat kommess mill-imputat kien wiehed doluz u mhux kolpuz.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 138 u 144 tal-Kap. 9.

Il-Qorti qieset ghall-finijiet ta’ piena l-fatt illi l-imputat ghamel dak li ghamel sabiex jipprotegi lit-tfajla tieghu u mhux ghaliex b’malizja u bi skop hazin ried ihassar ir-

records tal-isptar. Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi ghandu fedina penali netta u l-fatt illi huwa ikkopera bis-shih mal-pulizija mill-bidu nett tal-investigazzjoni. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat matul il-process kollu wera ruhu bhala bniedem sincier hafna.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta in generali li l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jaqbad it-triq it-tajba u ghalhekk wara li l-Qorti rat l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tillibera lill-imputat tobbligah li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati illi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni huwa jista jigi ikkundannat ghar-reat originali.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur